MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Numru 857/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**

**vs.**

**CHRISTOPHER ATTARD**

**Illum 6 ta' Dicembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christopher Attard ta' 24 sena iben Francis u Antonia nee` Grech, imwieled Attard fil-08/01/1980 u li joqghod fl-indirizz: Romeo, Triq Brockdorff, Msida detentur tal-karta ta' l-identita` numru 30380M gie akkuzat:

Talli f'April 2004 u fix-xhur ta' qabel, gewwa r-residenza fejn joqghod u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe DVDs allegatament foloz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassmu, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. HD3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu

jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-verbal tas-seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Helga Debono iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 298 (1) (a), (b), (c) u (f) u 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Christopher Attard, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta ta' l-imsemmi imputat u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Helga Debono iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, tillibera lill-imsemmi imputat taht il-provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti, tordna l-konfiska tad-Dok. DA1 li hi sistema tal-*Computer* ta' l-ghamla *Cybertec* minghajr numru ta' serje u d-distruzzjoni tal-*hard disk* li hija mwahhla gos-sistema. Tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni ta' Dok. DA2, Dok. DA3, Dok. DA4 u Dok. DA5. Ghall-fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u ghal dan il-fini tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qrati.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Christopher Attard l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------